**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**36, VIDENZA, TRIQ Il-MITĦNA**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416111**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

# ID-DISA’ LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 19

Data tal-laqgħa: It-Tlieta 21 ta’ Ottubru, 2025

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, fil-5:00 ta’ filgħaxija.

### PREŻENTI:
Anthony Dalli – Sindku
Calcedonio Cini – Viċi Sindku
Lorraine Farrugia Muscia – *Minority Leader*
Diane Abela Penza – Kunsillier
Carl Betts - Kunsillier

### ASSENTI B’APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Ma kien hemm l-ebda membru assenti b’apoloġija

### ASSENTI:
Ma kien hemm l-ebda membru assenti

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Pamela Seguna – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 19.1 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji

19.1.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji ma kienx hemm.

## 19.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 18

19.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tat-tmientax-il laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

19.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti, mistoqsijiet jew matters arising.

19.2.3 Is-Sinjura Lorraine Farrugia xtaqet tagħmel kjarifika fuq punt 18.13.5 li kien jittratta dwar il-‘back to school campaign’ li ssuġġeriet hija stess, fejn kienet talbet biex il-kunsill jiġbor u jingħataw stationary, lunch boxes jew bottles lil dawk it-tfal li għandhom xi social case jew bżonn aktar ta’ ċertu għajnuna minn tfal oħra, bħal tfal ġol-istituti. Hija kemm reġgħat ikklarifikat li l-iskop ta’ din l-idea tagħha kien aktar biex isir ġest sabiħ u tingħata għajnuna lil dawk it-tfal inqas ixxurtjati jew għandhom xi social case, jew jinsabu fi istituti u qalet ukoll li rrelevanti jekk tfal mill-istituti finalment jiġux fostered Ħal Lija jew fi lokalita oħra. Hija baqgħet tenfafizza li l-importanti l-ġest.

19.2.4 Hija tixtieq li l-Kunsill jaqbad xi wieħed mill-Istituti li hawn ġewwa Malta fejn dan l-istitut jiġi nfurmat b’din il-kampjana u għajnuna li jixtieq jagħti l-Kunsill. Is-Sindku ta r-risposta tiegħu fejn qal li huwa kellem lil Kappillan u dan infurmah kif tfal b’dawn il-bżonnijiet m’hemmx f’Ħal Lija. Is-Sindku kellem anke lis-surmast tal-iskola u qal kif is-surmast irringrazzja lil kunsill però tfal li jkollhom bżonn ċertu affarijiet jew għandhom xi social case dawk diġà jieħdu ħsiebhom u jtuhom l-għajnuna meħtieġa tal-education.

19.2.5 Is-Sa Farrugia Muscia baqgħet tgħid kif hija tixtieq li l-Kunsill isib istitut biex miegħu jkun jista jsir dan il-ġest. Is-sindku spiċċa jgħid lis-Sa Farrugia Muscia biex filkas issib istitut u tgħaddi d-dettalji tiegħu lis-Segretarju Eżekuttiv, umbgħad nimxu minn hemm.

19.2.6 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Calcedonio Cini, li kien issekondat mill-Kunsillier Carl Betts, l-minuti tat-tmientax-il laqgħa ġew approvati unanimament.

## 19.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

19.3.1 Is-Sur Dalli qal li l-ġnien tal-lariġ fi Triq Merino beda x-xogħol fuqu u dan għaddej b’ritmu tajjeb. Project Green talab ukoll lil Kunsill Lokali biex ikunu jistgħu jaħdmu ħinijiet itwal minn dawk normali u dan propju biex ilestu fl-iqsar żmien possibbli, dan bi nkonvenjenzi mill-inqas sintendi minħabba r-residenti li jgħixu fil-madwar.

19.3.2 Is-Sur Dalli tkellem rigward ċirkulari tad-DLG li diġà ġiet ċċirkulatha lil Kunsilliera kollha b’imejl mingħand is-Segretarju Eżekuttiv. Din iċ-ċirkulari titratta dwar skema *ESF.03.246 Life Long Learning as a key to better governance at Regional and Local level*. Huwa rrakkomanda lil kulħadd biex jieħu sehem f’din l-iskema u dan biex jinkiseb aktar għarfien dwar l-operat tal-Kunsilli.

19.3.3 Is-Sindku qal kif bħalissa fil-lokalita qed isiru żewġ proġetti maġġuri: fi Triq u Sqaq Nru 1 u 2 Mons. Joseph Fenech u kif ukoll fi Triq il-Kunċiżżjoni Sqaq nru 1. Bħala xogħol qed jinbidel il-main tal-ilma u kif ukoll wara jsir wiċċ ġdid bl-imprint. F’żewġ sqaqien minnhom instab shelter u l-Kunsill flimkien mal-periti nkarigati mix-xogħol qed jaraw kif dawn jistgħu jiġu ppreservati u jekk possibbli forsi ssirilhom ħġieġa u dawl adekwat biex jinfetħu għall-pubbliku u l-pubbliku jkun faċilment jista jżurhom. Pero għadhom qed isiru l-ispezzjonijiet meħtieġa dwar din il-possibilta.

19.3.4 Is-Sindku tkellem fuq skema u fondi tal-mobility li ħarġu minn TM u TM qed tħeġġeġ lil Kunsilli biex japplikaw. Huwa nforma lil kunsilliera biex jekk għandhom xi ħsibijiet ta’ x’jista jsir, jgħadduhom lill-amministrazzjoni, dan sintendi bil-kundizzjoni li l-attivitajiet irid ikollhom x’jaqsmu dejjem ma’ mobility. F’attivita proposta jrid jkun hemm il-mobility dejjem inkluża biex l-applikazzjoni tkun waħda valida.

## 19.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

19.4.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera bil-miktub ma kienx hemm.

## 19.5 Korrispondenza

19.5.1 Rapport tal-korrispondenza anness mal-minuti. Mistoqsijiet mill-Kunsilliera, biex ikunu jafu dwar xiex jittrattaw ċertu korrispondenza li ntbgħatet, saru fuq:

a. 2025/000437
b. 2025/000444
c. 2025/000456
d. 2025/000457
e. 2025/000458
f. 2025/000472
g. 2025/000473
h. 2025/000482
i. 2025/000484
j. 2025/000485

19.5.2 In-natura ta' kull korrispondenza msemmija hawn fuq ġiet spjegatha fil-qosor mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsilliera ġew imfakkra kif huma jistgħu jżuru l-uffiċċju tal-Kunsill fil-ħinjiet tal-ftuħ u jaraw din il-korrispondenza mill-file aktar fid-dettal.

## 19.6 Preparazzjonijiet Milied 2025

19.6.1 Is-Sindku spjega kif l-amministrazzjoni għaddejja taħdem biex tiġbor il-kwotazzjonijiet. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet kif sissa rigward l-armar, il-Kunsill talab għal kwotazzjonijiet mingħand erba entitajiet/kumpaniji differenti għal:
Tiżjien tas-siġar bi fairy lights fi Vjal it-Trasfigurazzjoni;
Tiżjien fi Triq il-Knisja, Triq il-Forn, Triq Sir Ugo Mifsud u Triq il-Knisja;
Tiżjien – armar ta' siġra tal-Milied.

19.6.2 Kwotazzjoni waħda l-Kunsill irnexxilu jakkwista għat-tiżjien kollu msemmi għaliex it-tlett entitajiet l-oħra ma wieġbux. Is-Sa Seguna qrat il-kwotazzjonijiet li ġew mibgħutha.

19.6.3 Rigward it-tiżjien, il-Kunsill kollu qabel li għandu jmexxi bl-unika kwotazzjonijiet li rċieva.

19.6.4 Is-Sindku qal kif il-kunsill ser jiprova li d-dawl tat-tiżjien tal-Milied fir-raħal jinxtgħel mit-8 ta' Diċembru.

19.6.5 Is-Sur Dalli qal ukoll kif bħala tiżjien ieħor, l-amministrazzjoni qiegħda fl-istadju li takkwista wkoll kwotazzjonijiet għat-tiżjien ta-sala Villa Lija, peress li ser ikunu qed isiru diversi attivitajiet tal-Milied fiha u allura xieraq tkun mżejna ftit ħalli jkun hemm atmosfera sabiħa. Kif il-kunsill jakkwista f'idejh tlett kwotazzjojiet, ser tkun qed tintgħażel l-irħas kwotazzjoni kif dejjem isir. Il-Kunsilliera qablu.

19.6.6 Rigward l-attivita tal-bibita, is-Segretarju Eżekuttiv qalet kif il-Kunsill għandu tlett kwotazzjonijiet mingħand kumpaniji differenti għall-ikel. Hija qalet kif il-kwotazzjonijiet huma bbażati fuq ikel ta' finger food bi 15 items. Is-Sa Seguna qrat il-kwotazzjonijiet. Il-Kunsill kollu qabel li għandu jmexxi bl-irħas offerta li rċieva, bħas-soltu kif dejjem isir.

19.6.7 Is-Sur dalli kompla jinforma lil Kunsilliera kif il-kannizzati li l-Kunsill jġib is-soltu mingħand l-MTA, huma kkonfermati u ordnati. Huwa kompla jgħid kif il-Christmas Market ser issir u kien hemm bdil żgħir fid-dati biss u l-pjan issa huwa li jsir fi 12,13,14 ta' Diċembru fuq iz-zuntier. Fit- 12 ser ikun mis-6:00pm sat-8:30pm, fit-13 mill-10:00am sat-8:00pm u fl-14 mit-8:00am sas-1:00pm. Ser ikunu qed jinħarġu il-flyers u jsir ir-riklamar fil-jiem li ġejjien dalwaqt.

19.6.8 Is-Sindku qal kif hemm anke il-ħtieġa li jiġi ordnat banner għal Christmas Market u anke ser jinxtara ftit plastik biex jintuża bħala ilqugħ għal fuq l-istands li ser ikun hemm.

19.6.9 Il-Kunsill qed jiprova anke fil-christmas Market iġib train biex iddur fir-raħal fit-13 mill-10:00am sas-2:00pm bejn wieħed u ieħor.

19.6.10 Is-Sindku nforma lil Kunsilliera wkoll kif il-kunsill qiegħed f'kuntatt mal-kumpanija li s-soltu jikri l-bouncy castle mingħandha biex jara x'logħob ieħor għandha available u bl-insurance, għaliex il-bouncy castle mhux insured. Filfatt il-kunsill ingħata parir mingħand l-AKL biex ma jikrix bouncy castles għax dawn mhux insured u koperti f'każ li jseħħ xi aċċident perikoluż.

19.6.11 Is-Sa Diane Abela Penza staqsiet jekk fil-pjazza hemmx xi PA System biex jindaqqu d-diski tal-Milied. Is-Sindku qal kif iva l-Kunsill bħal ma diġà għamel is-sena l-oħra, meta l-attivita saret ġewwa is-sala, ser jerġa jikri l-istess PA System biex jindaqqu l-carols tal-Milied fuq iz-zuntier, ħalli jkun hemm aktar atmosfera. Il-Viċi Sindku hawnhekk irrimarka kif l-importanti li waqt il-ħin tal-Milied dan is-sound jintefa waqt il-ħinijiet tal-quddies.

19.6.12 Is-Sa Farrugia Muscia staqsiet jekk din is-sena mhux ser jingħataw fondi mir-Reġjun għal Milied. Is-Sindku qal kif riċenti r-Reġjun saret laqgħa tal-finanzi u huwa bħala membru talab biex minflokk 3,000EUR din id-darba jingħataw 4,000 EUR fondi nkonnessjoni mal-Milied.

19.6.13 Is-Sa Farrugia Muscia staqsiet lis-Sindku jekk din is-sena fil-Milied waqt l-attivita tal-mother christmas mhux ser jerġa jingħata token żgħir lit-tfal mill-Kunsill kif sar is-sena l-oħra. Is-Sindku qal kif huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv diġà sabu supplier li jagħmel ħafna affarijiet personalised u jistgħu jkunu bil-logo tal-Kunsill. Dan is-supplier għandu catalogue kbir u qal kif il-link għal dan il-catalogue issa ser jintbgħat għall-attenzjoni tal-Kunsilliera kollha biex x'ħin ikollhom ċans jduruh u jagħżlu dak li token li jaħsbu huwa l-aħjar. Kif ikun hemm qbil dwar it-token magħżul il-Kunsill umbgħad jaħseb biex ikellem lis-supplier u jordna ħalli jkun fiċ-ċans li sintendi dawn it-tokens ikunu f'idejh sad-data tal-attivita.

19.6.14 Is-Sindku reġgħa fakkar lil Kunsilliera dwar id-dati kollha tal-attivitajiet relatati mal-Milied kif ġej:

- 12,13,14 Dec – Christmas Market.
- 21 Dec fi 12:00pm – Ikla staff – venue TBA.
- 22 Dec – Ikla anzjani fis-sala Villa Lija.
- 23 Dec – Attivita mother christmas u elf.
- 24 Dec – wara l-purċissjoni jsir qsiem ta' xi ikel lit-tfal.
- 27 Dec – Jiġi mtella Kor mal-quddies tas-sibt filgħaxija u wara sat-tmienja jitkompla l-carol singing fil-Knissja parrokkjali. Il-Kappillan m'għandux oġġezzjonijiet. Dan ser jiswa 1,400 EUR u s-Segretarju Eżekuttiv qrat l-istima kollha. Il-Kunsilliera kollha ħadu nagħtu u approvaw din l-istima.
- 29 Dec – bibita tal-Kunsill.

## 19.7 Preparazzjonijiet Festival taċ-Ċitru 2026

19.7.1 Is-Sindku qal kif id-data definittiva tal-festival taċ-ċitru hija 25 ta' Jannar. Kompla jgħid li 'Bonġu Malta' ma jistgħux jiġu dakinhar kif oriġinarjament kien miftiehem u ssa aktarx li jiġu fi Mejju u mhux fiċ-ċitru.

19.7.2 Is-Sur Dalli qal li bħala attività bħas-soltu il-Festival ser ikun mqassam fuq ġurnata waħda, l-Ħadd 25 ta' Jannar.

19.7.3 Bħala stalls u bejgħ li ser ikun qed isir minn fuqhom, il-Kunsill għandu ħsieb li joħroġ riklam dwar dan. Pero s-Sindku qal kif eżempju stall bl-artiġjant u ikel m'hemmx għalfejn il-Kunsill idaħħal aktar milli kellu mis-sena l-oħra għax diġà biżżejjed.

19.7.4 Is-Sur Dalli reġgħa qal kif jixtieq anke jsib lil xi ħadd tal-ikel li miegħu l-Kunsill jissieħeb biex isir record. Huwa qal kif taż-żeppoli s-sena li għaddiet kien tajjeb ħafna, u forsi jista jrid record tal-ikbar żeppola tal-larinġ, però huwa għadu qed jfittex dwar dan u x'jista jsir.

19.7.5 Is-Sindku qal kif il-Kunsill jista anke jaħseb f'xi ħaġa differenti biex dan il-festival jingħata aktar ħajja jew forsi li ssir xi xarba tal-larinġ u titqassam b'xejn. Hawnhekk is-Sa Farrugia Muscia qalet kif hija ser tiprova tara kif tagħmel u tipprepara biex issir xi aranciata.

19.7.6 Is-Sur Dalli fakkar ukoll lil Kunsilliera dwar it-tijr tal-Kunsill biex isir dak il-monument marbut mat-tema taċ-ċitru. Huwa spjega kif għandu supplier li daqt itih stima għal dan il-monument u għamel kuntatt diġà ma' ieħor li qallu kif jekk jagħti stima bilfors il-monument umbgħad irid ssir mingħandu. Issa filfatt is-Sindku qal kif dwar din il-kwistjoni ser jitlob ukoll għad-direzzjoni tad-dipartiment biex il-Kunsill ikun aktar infurmat dwar kif huwa l-aħjar mod li għandu jaġixxi.

## 19.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport ta' kull kwart għal perjodu Jannar – Settembru 2025

19.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda għall-approvazzjoni tal-Kunsill ir-rapport ta' kull kwart għall-perjodu Jannar-Settembru 2025.

19.8.2 Is-Sindku ta spjegazzjoni dettaljata fuq dan ir-rapport preżentat u wara saret diskussjoni dwar il-figuri.

19.8.3 Ir-Rapport ta' kull kwart għall-perjodu Jannar-Settembru 2025 ġie approvat unanimament mill-Kunsill, fuq proposta tal-Kunsillier Lorraine Farrugia Muscia li kienet issekondatha mis-Sindku Anthony Dalli.

## 19.9 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

19.9.1.1 Avviż dwar l-għarfien tal-anniamli abbandunati (Update)
Is-Sindku għamel referenza għat-talba tal-Kap tal-Minoranza li ġie diskuss fl-aħħar seduta, fejn hija talbet biex il-Kunsill itella avviż dwar resident x'għandu jagħmel f'każ li jinstab annimal abbandunat f'post li ma jinfetaħx jew fi sit ta' kostruzzjoni. Is-Sindku għamel referenza għal punt fejn fl-aħħar seduta l-Kap tal-minoranza qalet li jekk l-annimal li jkun instab huwa qattus il-Kunsill jinforma cat feeder partikulari biex tieħu ħsieb hi u f'każ li jkun kelb jieħu ħsieb il-Kunsill li jirrapporta lil animal welfare.

19.9.1.2 Fuq dan l-aħħar punt fejn jekk jinsab kelb, il-Kunsill jista jċempel l-animal welfare, is-Sindku qal kif fl-opinjoni tiegħu ma tantx jaqbel, speċjalment jekk ikun hemm anke involut li jsiru ċertu rapporti mal-pulizija jew terzi entitajiet oħra. Għal kull każ ser ikun qed jidher u jirrispondi l-Kunsill hekk dejjem. Is-Segretarju Eżekuttiv hawnhekk żiedet tgħid ukoll li l-animal welfare mhux se jiġu jiġbruh xorta kelb abbandunat. L-Amministrazzjoni kkonfermat riċenti reġgħat kif animal welfare tiġbor biss klieb jew annimali domestiki oħra meta jkunu mweġġa biss u kif dawn jingħataw il-kura animal welfare terġa titfaħom fit-toroq għax m'għandix fejn iżżomhom. Din hija sitwazzjoni antipatka u status quo se terġa tiġi.

19.9.1.3 Ġie deċiż li l-amministrazzjoni għandha tagħmel kuntatt mal-persuna li kien ġie mid-dipartiment tal-animal welfare jagħmel it-talk lill-cat feeders fil-Kunsill, biex forsi jidderiġi lil Kunsill hu, diment li s-Sa Farrugia Muscia baqgħet tinsisti fuq il-ħruġ ta' dan l-avviż.

19.9.2.1 Talba installazzjoni ta' mera Fi Triq Dun Ġużepp Tanti kantuniera ma' Triq Salvu Mifsud
Tressqet talba għall-kunsiderazzjoni fuq il-mejda tal-Kunsill biex tiġi nstallatha mera żgħira fi Triq Dun Ġużepp Tanti kantuniera ma' Triq Salvu Mifsud, peress li hemm qisha blind corner u t-triq hija two-way. Hemm ftit ta' periklu biex tara minn ġej minn naħa ta' kontrik.

19.9.2.2 Il-Kunsill kollu ma sabx oġġezzjoni u ser ssir l-applikazzjoni kif suppost ma' TM.

19.9.3.1 Bookings tat-trasport lejn Sptar San Vinċenz
Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Sindku ressqu għad-diskussjoni l-punt ta' jekk il-Kunsill għandux jibqa jieħu bookings tal-vann tal-elettriku(tal-anzjani) lejn Sptar San Vinċenz. Huma staqsew dan wara li diversi drabi avviċinawhom id-drivers bil-problemi li qed isibu fid-dewmien ta' ħin minħabba d-distanza li hemm u t-traffiku u dan qed jirriżulta li l-kunsill qed ikollu jirrifjuta bookings ta' nies oħra lejn postijiet mediċi oħra f'dik l-istess ġurnata.

19.9.3.2 Wara diskussjoni qasira li saret, u wara studju twil li għamel is-Sindku, ġie deċiż li l-Kunsill għandu jittratta l-bookings tat-trasport bi priorita skond il-post. Filgħodu ser ikun dedikat għall-appuntamenti mediċi li jkunu b'mod speċjali lejn Sptar Mater Dei, u B'kara health centre, għaliex dawn huma l-aktar postijiet mediċi li jkun hemm demand qawwija għalihom. Wara l-10:00am biss ser jiġi ddedikat ħin għal bookings lejn sptar San Vinċenż diment li jkun hemm availability għad-data mitluba mir-residenti. Din id-deċizjoni ttieħdet hekk minħabba d-distanza twila li hemm lejn Sptar San Vinċenz u t-traffiku li qed jiltaqa' miegħu l-Kunsill u kif ukoll b'mod speċjali minħabba l-element ta' sigurtà kemm tad-driver u anke tal-passiġġiera. Il-Membri kollha qablu.

19.9.4.1 Irtukjar tal-ismijiet tat-toroq fuq tat-tabelli tal-irħam
Tressaq suġġeriment biex jiġu rtukjati bi żebgħa apposta xi tabelli tat-toroq tal-irħam li għandhom l-isem tat-triq faded. Dan l-irtukjar ser ikun qed issir mill-ħaddiem tal-Kunsill George Farrugia. F'każ li ma jirnexxielux jekk filkas tinġieb kwotazzjoni għal dan ix-xogħol.

19.9.4.2 Il-Kunsill kollu ħa nota ta' din il-komunikazzjoni.

19.9.5.1 <u>Attivita ‘ Innovative Flavoured Dolce Di Mandorla’</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv, kif diġà kkomunikat mal-Kunsill kollu via whatsapp, qalet kif inħareġ avviż għat-tieni sezzjoni tat-tisjir tal-ikel, li din id-darba ser ikun ikel tal-ħelu u ser ssir ġewwa l-iskola tal-ITS. Hija reġgħat infurmat lil Kunsill kif din ser ssir is-Sibt 29 ta’ Novembru mid-9:00 sas-13:00 u l-prezz huwa 75EUR, dan bi 10EUR mnaqsa bħala sussidju mill-Kunsill, kif kien ġie deċiż fi seduta preċedenti.

19.9.5.2 Is-Sa Seguna kompliet tgħid li biex din l-attivita ssir iridu jibbukkjaw minimu ta’ 10 persuni u biex il-pożizzjoni tal-Kunsill din id-darba tkun waħda ċara, f’każ li dan in-numru ma jintlaħaqx sad-deadline tal-4 ta’ Novembru, l-attivita ser tiġi kkanċellatha għaliex il-Kunsill ma jistax jerfa aktar spejjeż.

19.9.5.3 Il-Kunsilliera kollha ħadu nota ta’ dan il-komunikat.

19.9.6.1 <u>Evalwazzjoni tat-tender Ġonna – update</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv tat update fuq l-evalwazzjoni tat-tender tal-ġonna. Hija qalet kif sat-Tnejn 20 ta’ Ottubru l-bidders kellhom ċans iwieġbu għal xi klarifikazzjonijiet li saru mill-bord fuq id-dokumentazzjoni li tefgħu. Diment li l-bidders tefgħu dak li ġie rikjest minnhom u m’hemmx aktar klarifikazzjonijiet, issa ser tkompli l-evalwazzjoni u kif dejjem sar jintgħażel l-irħas bidder. Wara dan jiġi kkumpilat ir-rapport tal-evalwazzjoni li dan is-soltu jiġi approvat fis-seduta tal-Kunsill qabel jitella fuq is-sistema. Pero s-Sinjura Seguna qalet li diment li jaqbel kulħadd u biex ma jkunx hemm aktar dewmien jekk filkas kopja tar-rapport appena jkun lest jintbgħat għall-approvazzjoni b’imejl lil Kunsilliera kollu ħalli dan il-proċess ta’ tendering jingħalaq malajr kemm jista jkun u l-Kunsill ikollu kuntrattur ġdid inplace.

19.9.6.2 Il-Kunsilliera kollha ħadu nota u qablu li għandu jsir hekk.

19.9.7.1 <u>Talba dwar Attivitajiet marbuta ma’ Halloween</u>
Is-Sindku qal kif avviċinawh grupp ta’ residenti ommijiet b’talba biex fi Halloween il-Kunsill jordna pulizija biex sakemm isir it-trick or treating bejn 6:00pm sa 8:00pm tingħalaq it-triq skond fejn ikunu qed iduru.

19.9.7.2 Ġie deċiż li l-Kunsill jgħin u jara jekk mhux possibbli jkun hemm pulizija onsite fil-ħin indikat, però mhux biex tingħalaq it-triq imma biex ikun preżenti magħhom ħalli f’każ li jkun hemm bżonn, iwaqqaf it-traffiku għal ftit skond kif tkun il-ħtieġa minħabba safety.

19.9.8.1 <u>Pulizija - 9 ta’ Novembru</u>
Is-Sindku nforma lil Kunsilliera kif bħal ma ġieli sar, ser ikun qed jiġi ordnat ukoll pulizija biex fid-9 ta’ Novembru jassisti lil dawk ir-residenti li jkunu iridu jaqsmu t-triq waqt li jżuru ċ-ċimiterju ta’ Ħal Lija. Il-Kunsilliera kollha ħadu nota ta’ dan.

19.9.9.1 <u>Ritratti -fuljett</u>
Is-Sur Dalli nforma lil Kunsilliera biex jekk għandhom xi ritratti ta’ laqgħat jew attivitajiet li attendew riċenti, jibgħatuhom lill-amministrazzjoni malajr kemm jista jkun biex dawn jiddaħħlu fil-fuljett li jmiss. Il-Kunsilliera kollha ħadu nota ta’ dan.

## 19.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti u spejjeż oħra

19.10.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta’ pagamenti numru 10/25 li kienet tinkludi l-ammont tal-*petty cash* ta’ €94.10 għax-xahar ta’ Settembru 2025.

19.10.2 L-iskeda ta’ ħlasijiet imressqa (numru 10/25) kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku Calcedonio Cini li kien issekondat mill-Kunsillier Lorraine Farrugia Muscia. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv fakret li peress li l-fergħa tal-HSBC ta’ Ħal Balzan għalqet għal kollox, l-pagament tal-*petty cash* ser joħroġ fuq isem is-Sindku u s-Sindku umbagħad jagħti l-ammont tal-flus kontanti lis- Segretarju Eżekuttiv lura.

## 19.11 Mozzjonijiet

19.11.1 Mozzjonijiet ma kienx hemm.

## 19.12 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

19.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li skond l-aġġornamenti li tibgħat it-town planner, l-applikazzjonijiet msemmija hawn taħt, il-Kunsill ingħata suġġeriment biex jikteb ittra ta' rapreżentazzjoni dwarhom:
PA 02305/25 – Vacant site, Triq il-Kbira, Triq Giuseppe Cali Lija ( Deadline 30th October)
PA06482/25 – 47, Villa Icilio, Triq Annibale Preca, Lija ( Deadline 23rd October)

19.12.2 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat waħda waħda dwar xiex jitrattaw dawn l-applikazzjoni u staqsiet lil Kunsill kollu jekk jixtieqx jipproċedi billi jikteb lil l-Awtorita kif ġie ssuġġeriet mit-Town planner, dwar xi waħda mill-applikazzjonijiet.

19.12.3 Il-Kunsill iddeċieda li fuq bażi tas-suġġerimenti tat-town planner, isir ittra ta' rappreżentazzjoni fuq:
PA 02305/25 – Vacant site, Triq il-Kbira, Triq Giuseppe Cali Lija ( Deadline 30th October)

## 19.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

19.13.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-Sindku staqsa lill-Kunsilliera jekk jixtiequx jagħmlu xi kummenti, suġġerimenti jew mistoqsijiet addizzjonali oħra.

19.13.2 Il-Viċi Sindku qal kif qed jaħdem biex tiġi mtella attività għall-anzjani (social gathering) fi Novembru biex issir żjara il-Belt ġewwa l-uffiċċju nutarili umbgħad wara jintrikeb l-ferry lejn il-Birgu u jieklu xi ħaġa żgħira hemm. Pero aktar informazzjoni definittiva ser tingħata aktar il-quddiem.

19.13.3 Il-Kunsillier Farrugia Muscia reġgħat qalet biex tiġi mnaddfa dik il-biċċa art bil-ħamrija li hemm ma' ġenb it-tennis Court, fejn kemm il-darba anke rrapurtat li nqala l-fencing.

19.13.4 Is-Sa Diane Abela Penza qalet kif qed tiprova issib instructors ġodda biex il-fitness classes ikunu jistgħu jerġgħu jibdew għaliex l-instructor li kien qed jaħdem magħha l-kunsill ma tistax tibqa toffri dan is-servizz. Sintendi s-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li l-instructor il-ġdid irid jaqbel għall-istess kundizzjonijiet li l-Kunsill diġà kellu mal-instructor l-oħra.

19.13.5 Is-Sa Diane Abela Penza staqsiet lis-Sindku jekk il-Kunsill jistax jitħadded mar-Reġjun Lvant biex isir cultural tour ieħor ġewwa r-raħal. Is-Sindku wieġeb kif dan it-tour jista issir individwalment mill-Kunsill b'mod imminenti.

19.13.6 Il-Ħin kien 6:35pm x'ħin intemmet is-seduta. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 18 ta' Novembru 2025 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex il-laqgħa issir fil- 5:00pm mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

Konfermati, illum it-Tlieta 18 ta' Novembru 2025.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
| Anthony Dalli | Pamela Seguna |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
36, VIDENZA, TRIQ Il-MITĦNA
ĦAL LIJA
TEL NO : 21416111

| Mail Reference | Date Recieved | Sender's Name | Sender's Surname | Subject |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| LLC SEP 2025/000436 | 23/09/2025 | George Borg | Resident | Re: The Executive Committee - Road Mirror Application |
| LLC SEP 2025/000437 | 23/09/2025 | Mary Anne Zammit | Resident | Re: FW: Sleeping Policeman Triq Annibale Preca |
| LLC SEP 2025/000438 | 24/09/2025 | Antoine Borg Micallef | Resident | Re: FW: FW: Pavement Request for Preziosi Str. |
| LLC SEP 2025/000439 | 24/09/2025 | Neville Galea | DLG | SPI/SCI/04/2025 - Espressjoni ta' Interess - Finanzjament Milied 2025 |
| LLC SEP 2025/000440 | 24/09/2025 | Rodney Micallef | Infrastructure Malta | RE: Various alleys in Lija - Coordination Meeting |
| LLC SEP 2025/000441 | 25/09/2025 | Andrea Borg Brincat | Regjun Lvant | Al For Councils: Practical Insights & Creative Possibilities Workshop |
| LLC SEP 2025/000442 | 25/09/2025 | Jeanette Galea | Regjun Lvant | Invitation for Regional Sports Day 2025 |
| LLC SEP 2025/000443 | 25/09/2025 | Mary Grace Lynch | Alpine Sterling | Re: Mosta Rd |
| LLC SEP 2025/000444 | 29/09/2025 | Manuel Zammit | Manuel Zammit | Problema ta' Skart fi Triq Depiro Gourgion |
| LLC SEP 2025/000445 | 30/09/2025 | James Hamberger | Regjun Lvant | RE: 60+ Neptunes Pool |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| LLC SEP 2025/000446 | 30/09/2025 | Dorianne Farrugia | Community Police | Re: Vann gewwa Triq il-Mithna |
| LLC OCT 2025/000447 | 01/10/2025 | | MEPA | PA/07741/20 - Planning Authority Communication - La Fontana, Triq Giovanni Barbara c/w Triq Pawlu Galea |
| LLC OCT 2025/000448 | 01/10/2025 | Mary Grace Lynch | Alpine Sterling | Re: Mosta Rd |
| LLC OCT 2025/000449 | 03/10/2025 | Antoinette Conti | Transport Malta | Re: FW: FW: Pavement Request for Preziosi Str. |
| LLC OCT 2025/000450 | 03/10/2025 | Michelle Scerri | DLG | Hal Lija - SPI/SCI/04/2025 - Espressjoni ta' Interess - Finanzjament Milied 2025 |
| LLC OCT 2025/000451 | 03/10/2025 | Ryan Zammit | Regjun Lvant | Hal Lija Condominium Administrator Details |
| LLC OCT 2025/000452 | 06/10/2025 | Ingrid Vella | Resident | Re: Works in alley Triq il-Forn |
| LLC OCT 2025/000453 | 06/10/2025 | Andrea Borg Brincat | Regjun Lvant | Avveniment Pink October 30/10/25 |
| LLC OCT 2025/000454 | 06/10/2025 | Dorianne Diacono | DLG | FW: Trasferiment ta' Fondi - SPI/SCI/5/2025 - Attivitajiet Kulturali 2024/2025 |
| LLC OCT 2025/000455 | 08/10/2025 | Ingrid Mallia | Project Green | Re: Notification of Extended Working Hours - Merino Garden Project |
| LLC OCT 2025/000456 | 08/10/2025 | Claudia Stafrace | DLG | FW: PQ 31203 - Kunsilli Lokali - Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |
| LLC OCT 2025/000457 | 08/10/2025 | Antoine Borg Micallef | Resident | Re: FW: FW: Pavement Request for Preziosi Str. |
| LLC OCT 2025/000458 | 09/10/2025 | Steve Zammit Briffa | Resident | Re: Halloween |
| LLC OCT 2025/000459 | 09/10/2025 | Anna Pulo | Resident | Christmas Market |
| LLC OCT 2025/000460 | 12/10/2025 | Arthur Ebejer | Resident | Lija Hornet's nest and Creeper |
| LLC OCT 2025/000461 | 13/10/2025 | Keith Dimech | AKL | Cir AKL 2025/063 - Christmas Get Together Gala Night 2024 - 19.12.25 |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| LLC OCT 2025/000462 | 13/10/2025 | | MEPA | PA/06057/20 - Site at Giuseppe Stivala, Naxxar |
| LLC OCT 2025/000463 | 13/10/2025 | Abigail Camilleri | | Re: Change in Reading Sessions |
| LLC OCT 2025/000464 | 13/10/2025 | Karen Scicluna | DLG | Konferenza Stampa - Tħabbir Skema Milied 2025 |
| LLC OCT 2025/000465 | 13/10/2025 | Andrea Catania | | Eastern Children's Councils - An update |
| LLC OCT 2025/000466 | 13/10/2025 | Francine Debono | Resident | Christmas Market |
| LLC OCT 2025/000467 | 14/10/2025 | Vanessa Gatt | Public Works Department | Re: Konferenza - ID il-Public Works fil-Komunita' |
| LLC OCT 2025/000468 | 14/10/2025 | Jeanette Axisa | Transport Malta | Re: Meeting with Lija LC - Regarding mobility week |
| LLC OCT 2025/000469 | 14/10/2025 | | Infrastructure Malta | Arbuxelli fi Triq il-Mosta, Lija |
| LLC OCT 2025/000470 | 14/10/2025 | Claudia Stafrace | DLG | FW: PQ 31365 - Kunsilli Lokali - Proġetti |
| LLC OCT 2025/000471 | 14/10/2025 | Director General | DLG | Ċirkulari 4_2025 - Fondi għat-Taħriġ ta' Uffiċċjali u Membri Eletti fil-Qasam tal-Gvern Lokali |
| LLC OCT 2025/000472 | 14/10/2025 | Claudia Stafrace | DLG | FW: PQ 31382 - Kunsilli Lokali - Cat Feeders - Sussidji |
| LLC OCT 2025/000473 | 14/10/2025 | Claudia Stafrace | DLG | FW: PQ 31393 - Kunsilli Lokali - Ġonna |
| LLC OCT 2025/000474 | 15/10/2025 | Marcon Gusman | Court Services Agency | Re: New Reserved Parking for OQZ688 - Ramiro Barbaro str |
| LLC OCT 2025/000475 | 15/10/2025 | Emil Vassallo | DLG | FW: Measures 4.3, 4.4 & 19.2 Follow-up on Pending Project Information |
| LLC OCT 2025/000476 | 15/10/2025 | Nikolic Nemanja | Project Green | Re: Notification of Extended Working Hours - Merino Garden Project |
| LLC OCT 2025/000477 | 15/10/2025 | Arthur Perici | AKL | Re: New Horizons Malta Training Proposal |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| LLC OCT 2025/000478 | 15/10/2025 | Karen Scicluna | DLG | Re: Konferenza Stampa - Tħabbir Skema Milied 2025 |
| LLC OCT 2025/000479 | 16/10/2025 | Diane Abela Penza | Councillor | Re: Siġra Kbira Mejta - Robert Mifsud Bonnici Str. |
| LLC OCT 2025/000480 | 16/10/2025 | Andrea Catania | MFWS | Invitation: International Colloquium on the Right of Children |
| LLC OCT 2025/000481 | 16/10/2025 | Diane Abela Penza | Councillor | Re: Industrial skip in Conception Str. |
| LLC OCT 2025/000482 | 16/10/2025 | Eleonora Cavellini | MTA | Lija Tour Malta Tourism Society - Julian Zarb |
| LLC OCT 2025/000483 | 17/10/2025 | Christian Spiteri | Kumitat Festi Esterni | Re: Tiżjin għall-Milied 2025 - Kwotazzjoni Armar |
| LLC OCT 2025/000484 | 17/10/2025 | Rudolph Cassar | Resident | Re: Triq il-Kunċizzjoni, Sqaq Nru.1 |
| LLC OCT 2025/000485 | 17/10/2025 | Nicholas Grech | ERA | Pennisetum Setaceum infestation - Lija Playground |
| LLC OCT 2025/000486 | 17/10/2025 | Jeanette Galea | Regjun Lvant | Cirkulari 4_ 2025 - Fondi għal-Taħriġ ta' Uffiċċjali u Membri Eletti fil-qasam tal-Gvern Lokali |
| LLC OCT 2025/000487 | 17/10/2025 | Lorraine Farrugia | Councillor | Re: Cir AKL 2025/063 - Christmas Get Together Gala Night 2025 |